

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2018 – Proof IT vs EIGE(Kawża T-10/17) ⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti — Talba għal servizzi maqsuma f’żewġ lottijiet — Servizzi marbuta mas-sit internet — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent — Kriterji ta’ għoti — Trasparenza — Ugwaljanza fit-trattament — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)

(2018/C 436/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Proof IT SIA (Riga, il-Latvja) (rappreżentanti: J. Jerņeva u D. Pāvila, avukati)

Konvenut: L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (rappreżentanti: J. Stuyck, V. Ost u M. Vanderstraeten, avukati)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-EIGE li tiċħad l-offerta sottomessa mir-rikorrenti fil-kuntest tal-lott Nru 1 dwar is-sejħa għal offerti EIGE/2016/OPER/03, intitolata “Ftehim qafas dwar is-servizzi online”, u li tagħti l-kuntratt qafas lil offerent ieħor u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża li jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament ġarrbet minħabba t-telf ta’ opportunità jew it-telf tal-kuntratt innifsu.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Proof IT SIA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 78, 13.3.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ottubru 2018 – Jalkh vs Il-Parlament(Kawża T-26/17) ⁽¹⁾

(“Privileġġi u immunitajiet — Membru tal-Parlament Ewropew — Deċiżjoni li titneħħa l-immunità parlamentari — Rabta mal-funzjonijiet ta’ membru tal-Parlament — Ugwaljanza fit-trattament — Ċertezza legali — Aspettattivi leġittimi — Proċedura ta’ tneħħija tal-immunità — Drittijiet tad-difiża — Użu ħażin ta’ poter — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)

(2018/C 436/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean-François Jalkh (Gretz-Armainvilliers, Franza) (rappreżentanti: inizjalment J.-P. Le Moigne, sussegwentement M. Ceccaldi u fl-aħħar nett F. Wagner, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: inizjalment M. Dean u S. Alonso de León, sussegwentement S. Alonso de León, N. Görlitz u S. Seyr, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Parlament P8_TA(2016) 0430 tat-22 ta' Novembru 2016 li titneħħa l-immunità parlamentari tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-kumpens tad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrent.